MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 3022/1996/1

**Carmelo u Alfred ahwa Meli f'isimhom proprju u bhala diretturi f'isem u in rapprezentanza ta' Salvu Meli and Sons Company Limited**

**Vs**

**Alfred Meli ghan-nom tal-Budnara Bulk Cargo Group membri tal-General Workers Union u ghal kull interess li jista' jkollha l-General Workers Union**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi t-tqassim tat-trasport tas-siment huwa esklussivament f’idejn il-membri tal-Burdnara Bulk Cargo Group membri tal-General Workers Union kif ser jirrizulta fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza;

Premess illi dan ix-xoghol ta’ trasport jitqassam biss lill-membri ta’ din is-sezzjoni li jahdmu fuq bazi ta’ assocjazzjoni: dan ifisser illi x-xoghol ta’ trasport ta’ siment jigi distribwit mis-sezzjoni a bazi ta’ numri ta’ vetturi u tghamir fir-registrazzjoni;

Premess illi s-socjeta’ attrici hija registrata b’hames trakkijiet u cioe’ numri ta’ registrazzjoni rispettivament 43689, 29574, 32925, 4561, 6291;

Premess illi l-konvenuti jew min minnhom qeghdin minghajr raguni valida fil-ligi jirrifjutaw illi jghaddu lil u jiddistribwixxu xoghol ta’ trasport ta’ siment lis-socjeta’ attrici;

Premess illi l-atturi proprio et nomine huma membri tesserati regolari u mhassla tas-sezzjoni u tal-union konvenuta imma dawn minghajr gustifikazzjoni u raguni valida fil-ligi, sabiex jeskludu lill-atturi, qeghdin jirrifjutaw illi jitrattaw lill-atturi bhala membri bid-drittijiet kollha li ghandhom – il-konsegwenza ta’ dan hija li l-atturi qeghdin jeskluduhom mix-xoghol;

Premess illi l-atturi proprio et nomine ghandhom dritt illi jigu trattati bhala membri tas-sezzjoni u tal-union konvenuta;

Premess illi dan it-trattament differenti qieghed jikkawza danni u telf ta’ qligh kbir lill-atturi proprio et nomine;

Premess illi l-konvenuti gew nutilment interpellati sabiex jitrattaw regolarment lill-atturi proprio et nomine;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti nomine ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-atturi proprio et nomine in kwantu jifformaw parti mill-konvenuti ghandhom dritt illi jigu trattati l-istess bhall-membri l-ohra tal-konvenuti fis-sens illi jinghata lilhom fuq l-istess kriterji bhall-membri l-ohra sehem mix-xoghol tat-trasport tas-siment;

2. Tordna lill-konvenuti illi jiddistribwixxu xoghol lill-atturi proprio et nomine skond il-kriterji tal-konvenuti applikabbli ghall-membri l-ohra.

Bl-ispejjez, bl-imghax u bir-rizerva ta' kull azzjoni fil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi proprio et nomine a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' eccezzjonijiet tal-General Workers Union a fol 12** fejn eccepew li t-talbiet attrici in kwantu diretti kontra taghhom huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress illi l-eccipjenti qatt ma irrifjutaw illi jghaddu lil u jiddistribwixxu xoghol ta' transport ta' simet lis-socjeta attrici u ghalhekk l-eccipjenti nominee ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Alfred Meli ghan-nom tal-Burdnara Bulk Cargo Group a fol. 19 tal-process fejn eccepixxa:**

1. Illi preliminarjament, Alfred Meli m'ghandhux ir-rapprezentanza guridika tal-Burdnara Bulk Cargo Group, u ghalhekk jitlob li ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress:

i. Illi l-atturi proprio et nomine m'humiex membri tesserati regolari u mhallsa tal-Burdnara Bulk Cargo Group kif allegat fil-hames (5) paragrafu tac-citazzjoni u d-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi proprio et nomine, liema shubija m'ghandhiex tithallat u m'ghandha xejn

x’taqsam mas-shubija fil-General Workers Union kif donnhom qed jghidu l-istess atturi proprio et nomine.

ii. Illi konsegwentement, l-atturi proprio et nomine m’ghandhomx dritt jippretendu li jigu trattati bhal membri l-ohra tal-Burdnara Bulk Cargo Group, meta l-istess atturi proprio et nomine ilhom li telqu minn jeddhom mill-Burdnara Bulk Cargo Group mis-sena 1974, u minn dak iz-zmien ‘l hawn qatt ma ppartecipaw fl-investiment li ghamlu l-membri l-ohra fi hdan l-istess Burdnara Bulk Cargo Group.

iii. Illi f’kull kaz, kif jirrizulta mill-artikolu ghaxra (10) ta’ l-Att dwar il-Liberazzjoni u Trasport ta’ Merkanzija (Att XXIX/67 Kap. 203), it-tqassim tat-trasport tas-siment m’huwiex esklussivament f’idejn il-membri tal-Burdnara Bulk Cargo Group, kif allegat fl-ewwel (1) paragrafu tac-citazzjoni u d-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi proprio et nomine.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti eizbiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza fuq l-eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuti u cjoe l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Alfred Meli u l-ewwel eccezzjoni tal-General Workers Union. (ara fol 81).

Alfred Meli qed jeccepixxi (a fol 19) li huwa m’ghandux ir-rapprezentanza guridika tal-Burdnara Bulk Cargo Group. Huwa xehed li l-Burdnara Group mhux entita’ guridika u huma biss individwi migburin flimkien ghax-xoghol ta’ tqassim ta’ cement fi hdan il-General Workers Union. Hu *shop steward* taghhom.

Illi jirrizulta mill provi prodotti li effettivament l-Burdnara Bulk Cargo Group mhux entita guridika imma grupp ta' haddiema fi hdan il-GWU li jaqsmu bejniethom id-distribuzzjoni ta' siment. Il-konvenut Alfred Meli huwa biss *shop steward* ta' dan il-grupp u dan il-fatt biss ma jaghmlux rapprezentant legali tal-grupp f'azzjonijiet gudizzjarji li jittiehdu kontra dana l-grupp.

Illi ghalhekk l-ewwel eccezzjoni ta' Alfred Meli ghandha tigi milqugha.

Minn naha l-ohra l-General Workers Union eccepiet preliminarjament (ara fol 12) illi hija qatt ma rrifjutat illi tghaddi lil u tiddistribwixxi xoghol ta' trasport ta' simet lis-socjeta' attrici.

Il-konvenuti qed jirritjenu li l-atturi kienu parti mill-grupp u mbaghad kienu abbandunaw ix-xoghol u ma dehrux izjed ghax kellhom xi xoghol iehor. In segwitu regghu applikaw biex jiehdu sehem mal-grupp fil-1987. Dawn il-fatti gew konfermati minn Tony Zarb, allura Segretarju tat-Taqsima. Huwa qal ukoll li bhala General Workers Union, id-decizjoni ta' min igorr, mhiex tal-union izda tal-grupp u ghalhekk huma qatt ma setghu jirrifjutaw xoghol lill atturi.

Giet ezibita korrispondenza (ara fol 63) li minnha jirrizulta li l-atturi stess qed jikkonfermaw dawn il-fatti u li huma ma humiex membri tal-union. Fl-ittra li intbaghtet ghan-nom ta' l-atturi, jinghad:

“Ghandi nosserva illi fil-passat l-imsemmija socjeta' kienet tifforma parti mis-sezzjoni ta' burdnara li kienu jgorru s-siment (Cement). Minhabba diversi cirkostanzi lejn l-ahhar tas-sebghajnijiet l-imsemmija socjeta' ma baqghetx tifforma parti mis-sezzjoni msemmija peress illi involviet ruhha fil-garr ta' xort'ohra.”

Imbaghad tissemma l-applikazzjoni li kienet saret fil-1987 tas-socejta' attrici biex terga tidhol fis-sezzjoni tal-burdnara u fl-ahhar issir it-talba fl-ittra biex is-socjeta' attrici terga tigi ammessa. Dina t-talba saret permezz ta' l-ittra msemmija fi Frar 1996.

Jirrizulta mill-korrispondenza ezibita li l-Kummissjoni maghzula mill Esekuttiv tat-Taqsima biex jistudja t-talba ta' l-atturi, kienet diga iddecidiet fil-1992 (ara fol 66) li t-talba li kienet saret, ma setghetx tintlaqa ghar-raguni li S. Meli/C ma humiex membri tal-General Workers Union.

Illi ghalhekk il-premessa ta' l-atturi li huma membri tesserati regolari u mhalsa tas-sezzjoni u tal-union, ma tirrizultax u ghalhekk ma jistghux jippretendu li ghandhom dritt illi jigu trattati bhala membri tas-sezzjoni u tal-union konvenuta.

**DECIZJONI**

Ghal dawni il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa' l-eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuti
U tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju

Spejjez ghall atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------